MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 2581/2000/1

**Peter Arrigo Ltd**

**vs**

**Avv Dr. Christopher Cilia l-PL Juliana Scerri Ferrante nominati b'digriet tal-10 ta' Dicembru 1997 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Adidas AG**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta’ Dicembru 2000 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona: -

Illi bis-sahha ta' kuntratt datat 27 ta' April 1990, (Dok. A anness) is-socjeta` attrici giet nominata distributrici f'Malta tal-prodotti tas-socjeta' konvenuta;

Illi *ai termini* tal-Art. 3.1 tal-imsemmi kuntratt, id-drittijiet tas-socjeta' attrici f'Malta kienu esklussivi ghaliha biss;

Illi bis-sahha ta' ittra tad-19 ta' Ottubru 1994, (Dok. B) is-socjeta` konvenuta ddecidiet illi ghas-sena 1995, tinnomina distributur addizzjonali ghal Malta flimkien mas-socjeta` attrici sabiex it-tnejn f'daqqa jikkonkorru ghad dritt ta' distribuzzjoni mis-sena 1996 'il quddiem;

Illi dan l-arrangament gie rifless f'ittra ohra datata 20 ta' Ottubru 1994 (Dok. C);

Illi kif jirrizulta minn ittra datata 17 ta' Jannar 1995, (Dok. D), is-socjeta' konvenuta unilateralment iddecidiet illi tirrevoka l-arrangament li hija stess nediet bl-ittra tad-19 ta' Ottubru 1994, u dan billi appuntat terzi bhala distributuri esklussivi taghha f' Malta minn dakinhar;

Illi minkejja d-dritt tieghu naxxenti mill-imsemmi Art. 3.1 tal-kuntratt Dok. A, is-socjeta` attrici accettat in *buona fede* din il-konkorrenza sabiex jigi stabbilit min mill-konkorrenti kien l-ahjar;

Illi *inoltre*, wara din id-decizjoni unilaterali, ordnijiet tas-socjeta` attrici ma gewx konsenjati lis-socjeta` attrici kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, u dan minkejja li fl-istess ittra Dok. B is-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li tforni lis-socjeta' attrici fis-sena 1995;

Illi barra minn hekk, it-terminu ta` *notice* pattwit fl-Art. 13.1 tal-ftehim ma giex osservat, billi f' dik is-sena 1995 kienet biss is-socjeta' terza illi giet fornita bil-prodotti tas-socjeta` konvenuta;

Illi *inoltre*, is-socjeta` attrici ghamlet spejjez u investimenti kbar u diversi sabiex tippromwovi l-prodott tas-socjeta` konvenuta, qabel ma sabet ruhha estromessa minn tali distribuzzjoni;

Illi b'hekk, is-socjeta` attrici sofriet danni ingenti naxxenti mill-ksur tal-ftehim imsemmi, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalkemm interpellata b' ittra ufficjali datata 3 ta' Novembru 1997, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Tghid 'il ghaliex is-socjeta` konvenuta ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali Dok. E, u bl-imghax kummercjali skont il-ligi.

Is-socjeta` konvenuta, jew rapprezentant taghha, ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-27 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Av. Dr. Christopher Cilia u l-PL Juliana Scerri Ferrante nominati b'digriet tal-10 ta' Dicembru 1997 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Adidas AG datata 15 ta' Frar 2001 (fol 26) fejn esponew : -

1. Illi f'dan l-istadju l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti kollha tal-kaz u jirrizervaw id-dritt illi jipprezentaw eccezzjonijiet fil-mertu li jsiru d-debiti verifiki.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' April 2001 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Henri

Mizzi gharraf lill-Qorti li gie awtorizzat jirrapprezenta lis-socjeta` konvenuta u jkun f' qaghda li fi ftit granet jesebixxi d-dokumenti tal-hatra. Hu talab zmien biex ikun edott mill-process u jirregola ruhu bil-process. Dr. Mizzi wkoll talab zmien biex il-Qorti tippermettilu jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet fil-mertu. Il-Qorti tat lill-istess Dr Mizzi sat-23 ta' April 2001 biex jaghmel dan.

Rat in-nota tal-eccezzjonijlet ulterjuri tas-socjeta` Adidas-Salomon AG (gja adidas AG) kif rapprezentata, datata 23 ta' April 2001 a(fol 40) fejn espona : -

1. Illi, preliminarjament, din l-Onor Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni *stante* li l-partijiet ftehmu li kwalunkwe kontroversja bejniethom ghandha, jekk ma tinhallx amikevolment, tigi "referred to the competent court in Nuremberg applying the law of the Federal Republic of Germany" (klawsola 16.1 tal-ftehim li kopja tieghu hi annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok A; ara wkoll klawsola 16.2 li tghid li din l-Onor. Qorti kienet tkun kompententi kieku s-socjeta` esponenti kienet attrici);

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz li din l-Onor. Qorti ssib li ghandha gurisdizzjoni f'din il-kwistjoni, is-socjeta` esponenti tichad li hi naqset minn xi obbligu, kuntrattwali jew mod iehor (b'dan li l-ezistenza ta' obbligi mhux kuntrattwali mhux ammessa) lejn is-socjeta` attrici, jew li kkawzat xi danni lis-socjeta` attrici li ghalihom ghandha tirrispondi;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti *nomine* datata 28 ta' Settembru 2001 a fol 45 tal-process.

Rat in-nota responsiva ta' Peter Arrigo Ltd datata 14 ta' Novembru 2001 a fol 52 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar 2002 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti semghet it-trattazzjoni ulterjuri tal-Avukati tal-partijiet u halliet il-kawza ghad-decizjoni dwar din l-eccezzjoni ghat-

30 ta’ Mejju 2002; u l-verbali l-ohra kollha nkluz dak tal-11 ta’ Dicembru 2003 fejn il-Qorti kif diversament presjeduta tat sentenza dwar l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni, fejn :-

***“Il-Qorti,***

***Tichad l-ewwel eccezzjoni*** *tal-kumpanija mharrka billi tiddikjara li hija ghandha s-setgha li tisma’ l-kawza mressqa quddiema u li l-klawsola gurisdizzjonali nvokata mill-kumpanija mharrka m’hijiex ta’ xkiel biex l-azzjoni attrici tista’ tinstama’ minn dawn il-Qrati;*

***Tordna*** *li s-smigh tal-kawza jitkompla bil-gbir tal-provi fil-mertu; u*

***Tikkundanna*** *lill-kumpanija mharrka thallas l-ispejjez ta’ din id-decizjoni.”*

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 15 ta’ Frar 2007 a fol 253 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti datata 28 ta’ Marzu 2007 a fol 261 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ April 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti semghet it-trattazzjoni ulterjuri tal-Avukati tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tad-29 ta’ Novembru 2012 fejn b’ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta’ April 2013 u tad-19 ta’ Novembru 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghas-27 ta’ Frar 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din il-kawza, flimkien ma' numru ta' kawzi ohra, giet assenjata lil din il-Qorti b'surroga tas-16 ta' Jannar 2013.

Illi b'din il-kawza, il-kumpanija attrici qieghda titlob il-kundanna tal-kumpanija konvenuta li, wara li hatritha agent esklussiv ghall-bejgh ta' prodotti taghha f'Malta, hatret lil haddiehor bi ksur tal-ftehim ta' agenzija li kien sar bejniethom. Il-kumpanija attrici qieghda titlob il-hlas tad-danni subiti minhabba dan il-ksur ta' ftehim.

Illi ghal din l-azzjoni u wara li l-kumpanija konvenuta estera hatret mandatarju specjali taghha f'Malta ghall-finijiet ta' din il-kawza, l-istess kumpanija eccepiet fil-mertu, li bl-ebda mod ma kisret il-ftehim jew tahti ta' xi ksur tieghu.

Illi mill-fatti rilevanti li johorgu mill-atti jirrizulta li bi ftehim li kien sar fl-1995, il-kumpanija attrici kienet inhatret distributrici esklussiva f'Malta tal-prodotti tal-kumpanija konvenuta[1]. Dan il-ftehim kien ghal tliet (3) snin kalendarji, liema zmien kien jiggedded b'perjodi ta' sena kull darba jekk kemm-il darba xi wahda mill-partijiet ma taghtix avviz tat-temm tieghu minn tal-anqas sitt (6) xhur qabel l-gheluq tal-iskadenza kurrenti **(DOK A)**.

Fl-20 ta' Ottubru 1994, (**DOK C**) il-kumpanija *Adidas AG* gharrfet lill-kumpanija attrici li kienet sejra ttemm il-ftehim tal-agenzija b'effett mill-ahhar tas-sena 1995 u li kienet sejra tahtar distributur addizzjonali f'Malta ghall-bejgh tal-prodotti taghha flimkien mal-istess kumpanija attrici. B'ittra ohra tas-17 ta' Jannar 1995 **(DOK.D)** il-kumpanija konvenuta gharrfet lill-kumpanija attrici li kienet hadet decizjoni li taghzel bhala distributur taghha f'Malta lil terza persuna, ghar-ragunijiet u l-arrangamenti hemm imsemmija.

---

[1] Art.3.1. **DOK A**

Illi l-kaz odjern jirrizolvi ruhu f'kwistjoni ta' apprezzament tal-fatti fid-dawl tal-ftehim milhuq bejn il-kontendenti esebit bhala **DOK A** mac-citazzjoni. Il-principju legali li jispira d-decizjoni ta' din il-Qorti u cioe' *pacta sunt servanda*, li jfisser li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat, hu pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza taghna. Hija l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li ghandha tipprevali u trid tigi osservata **("*Gloria mart Jonathon Beacom vs AIC Anthony Spiteri Staines";*** - Qorti ta' l-Appell - dec. fil-5 t'Ottubru 1998).

Dan il-principju jsib l-espressjoni legislattiv tieghu fl-**Artikolu 992** tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

"(1) *Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom*.

(2) *Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi*".

Huwa principju daqstant kardinali li jirregola l-istatut ta' kuntratti li dawn ghandhom jigu esegwiti in *bona fede* (**Art. 993 Kap.16**).

Dawn il-principji gew imfissra f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna, fosthom **"*Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et.*"** (PA - deciza nhar it-30 ta' Mejju 2002); **"*Onor. Edgar Cuschieri nomine vs Perit Gustavo R. Vincenti*"** (App.Civ. - deciza nhar it-13 ta' Frar 1950); u **"*Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Sullivans Limited*"** (App.Civ. deciza nhar it-8 ta' Jannar 2010).

**<u>Il-Ftehim ta' Distribuzzjoni bejn il-Kontendenti (DOK A).</u>**

Hu utili f'dan l-istadju li l-Qorti thares lejn il-klawsoli rilevanti fil-ftehim bejn il-partijiet **(Dok A)**:

**" <u>3. Territory</u>**

3.1. **adidas** shall not appoint another distributor in the Territory for the Products....."

***"6. Minimum Purchase:***
*6.1...... He (distributor) agrees to purchase Products from* ***adidas*** *...representing the following minimum values on the basis of fob prices invoiced to Distributor:*

| | ***Minimum Value (DM – equivalent)*** |
|---|---|
| *1st contract year* | *DM 150.000* |
| *2nd contract year* | *DM 180.000* |
| *3rd contract year* | *DM 200.000* |

*If no agreement is reached between the parties for values of the following contract years the annual purchases of* ***Distributor*** *shall be reasonably increased on the basis of the turnover affected during the first three contractual years and subject to the market conditions for the Products in the Territory.*

*6.2 If distributor fails to purchase minimum values as agreed above, Adidas at <u>its sole option</u> may appoint one or more additional distributors in the Territory and continue or terminate this Agreement by giving at least six months notice to the end of the contract term or of the end of any extension thereof.*

***13. Duration and Termination***

*13.1 This Agreement shall be effective as from 01.01.1990 and shall be concluded for an initial period ending on 31.12.1992.*

*This Agreement shall be extended for successive periods of one further year each, if not terminated by written notice given at least six months prior to the expiration date or to the end of any extension period by either party.*

*13.2 In the event of either party breaching any of the terms and conditions of this Agreement and failing to remedy such breach within 30 (thirty) days after receipt of*

*written notice calling on it so to do, ..... then and in any such event this Agreement may be terminated upon the expiry of 30 (thirty) days written notice by the other party, without prejudice to all or any rights of such party to claim and recover any such damages to which it might be entitled in law in consequence of such breach".*

*13.3* ***adidas*** *may also terminate this Agreement with 30 days notice in the event that Distributor should – without prior consultation with and consent received from* ***adidas*** *– terminate or considerably reduce its business activities , fall in arrears with payment for the Products...*

Minn qari ta' dawn l-artikoli jirrizulta li l-jeddijiet tas-socjeta' attrici emanenti minn dan l-'*exclusive distribution agreement'* huma '*performance linked'.* Effettivament, u dwar dan m'ghandu jkun hemm l-ebda ekwivoku, l-istess socjeta' attrici intrabtet li tixtri minghand l-***Adidas AG*** merkanzija fil-valur ta' mhux inqas mill-kwantitajiet stabbiliti fl-istess kuntratt rispettivament ghal kull sena tal-kuntratt u ghas-snin ta' estensjoni. Jekk ma jottemporax ruhu ma dawn il-figuri d-distributur ma jistax jippretendi li jkompli igawdi mill-jeddijiet assocjati mal-esklussivita` kif ukoll jaghti lok sabiex il-kuntratt jinhall mill-produttur.

Dan gie kkonfermat minn **Peter Arrigo** stess[2] waqt ix-xhieda tieghu in kontro-ezami fejn qal li *"....l-esklussivita' kienet marbuta ma' performance min-naha tal-kumpanija attrici rigward il-bejgh tal-prodotti tal-kumpanija konvenuta."*

Ir-rimedji li s-socjeta' konvenuta kellha a dispozizzjoni taghha naxxenti mill-inadempjenza tal-kumpanija attrici huma dawk imfissra fil-**klawsoli 6.2**. (in-nomina ta' distributur addizzjonali "*at it's sole option",* jew sahansitra li ixxolji l-kuntratt); **klawsola 13.2** (xoljiment tal-kuntratt fi zmien 30 jum wara interpellazzjoni bil-miktub sabiex id-distributur jottempera ruhu mal-ksur tal-kuntratt fi zmien 30 jum u l-istess distributur jibqa' inadampjenti), u **l-klawsola 13.3.** (terminazzjoni wara 30 jum minn

[2] Xhieda a fol. 177 tal-process

interpellazzjoni bil-miktub jekk id-distributur ikun moruz fil-pagamenti dovuti). F'din l-ahhar eventwalita` jirrizulta li d-distributur m'ghandux l-ghazla li jirrimedja l-ksur bhal ma ghandu taht il-klawsola 13.2.

Is-socjeta' attrici issollevat is-segwenti lanjanzi:-

i. Li mhux minnu li ma lahhqitx il-miri tal-bejgh imposti fuqha skont il-Kuntratt. *Inoltre* jekk wiehed jiehu l-valuri kumulattivament tista' turi li lahhqet dawn il-miri.

ii. L-artikolu 6.2. ma jistax jigi nvokat ghall-perjodi ta' estensjoni tal-ftehim u ghalhekk tippretendi hlas ta' qligh tas-sitt xhur *notic*e skont l-artikolu 13.1.

ii. Ghalkemm ma lahhqitx il-kwantitajiet annwalment stabbiliti, dan kien imputabbli ghall-agir abbusiv tas-socjeta` konvenuta li ma kkonsenjatx il-merkanzija ordnata lis-socjeta' attrici.

iii. Permezz tal-ittra esebita bhala **DOK PA8**[3] datata s-7 ta' Novembru 1994, *Adidas AG* estendiet il-ftehim sal-ahhar tas-sena 1995 bl-istess kondizzjonijiet, inkluz il-jedd ta' esklussivita` moghtija lis-socjeta' attrici. Ghalhekk is-socjeta` attrici tippretendi hlas ta' sena qligh.

iv. Qed tippretendi rimbors talli ippromwoviet il-prodotti Adidas f'Malta u ma inghatatx bizzejjed zmien biex tirkupra l-investimenti taghha nkluz xiri ta' dar fi Quarries Street Msida bil-prezz ta' Lm27,000 (**Kuntratt DOK PA17**)[4].

**<u>Dokumenti/Korrispondenza Prodotti</u>**

Il-partijiet ipproducew bhala prova in sostenn tat-tesijiet rispettivi taghhom korrispondenza skambjata, kif ukoll xhieda *viva voce*.

[3] Fol.121 tal-process
[4] Fol.148-151 tal-process.

Il-Qorti tqis li dak li hareg mill-komunikazzjonijiet bil-miktub huwa materjali ghall-apprezzament ta' kif svolgew il-fatti bejn il-kontendenti.

Dawn jirrisolvu ruhhom fis-segwenti ittri/*faxes* determinanti:

**i.** Ittra datata l-5 ta' Settembru 1994 - lil Peter Arrigo Ltd., (**Dok PA5** ezebit a fol. 114 tal- process):

*"According to our files your sales of adidas-branded products dropped sharply from TDM 630 in 1991 to TDM 168 in 1992 and TDM 136 in 1993. In 1994 there will be a further decline to about TDM 100 as your order volume has even decreased.*

*This situation is quite unsatisfactory to both sides and it is in contradiction to the minimum purchase requirements as stipulated in Clause 6.1 of our contract.*

*In view of this we expressly reserve the right to terminate and/or to appoint additional distributors in Malta as provided in Clause 6.2 of our contract, unless you give us a firm commitment together with the corresponding securities to order us in 1994 and 1995 at least the volume stipulated for the third contract year, i.e. DM 200,000 – each.*

*We are very doubtful whether you will be able to do that because you are already in delay with payment for the small deliveries made this year.*

*Even the draft of DM 13,600 – which was due for payment by 31.07.1994 could not be cashed.*

*This is why we refer to Clause 13.2 of our distribution agreement. You are hereby given notice that we will terminate if you do not remedy this default in payment within 30 days after receipt of this letter (by telefax)."*

ii. L-ewwel avviz ta' terminazzjoni (**Dok B** ezebit a fol. 17) -*fax* mibghut lil Peter Arrigo Ltd fid-19 ta’ Ottubru 1994. Skont dan il-*fax*:

*“Contract*

*As already discussed we would like to appoint M. Peresso Ltd., Birkirkara, as additional distributor for Malta for 1994 and 1995. <u>To be free for negotiations of the distribution contract as of 1-1-1996</u> <u>onwards we would like to terminate the existing contract with you by December 31, 1995</u> (termination letter will follow under separate cover). Due to this situation it is not advisable neither to fix new minimum purchases for 1995 nor write any amendment to the existing contract”.* (enfasi tal-Qorti).

iii. L-avviz ta' terminazzjoni - (**DOK C** a fol.19 tal-process) - ittra tal-20 ta' Ottubru 1994 lil Peter Arrigo Ltd**.**

*“In order to be free to negotiate the re-organization of the adidas-distribution in Malta we take reference to **Clause 13.1** of our Agreement and <u>give hereby notice of termination with effect as from 31.12.1995</u>.* (enfasi tal-Qorti).

*As you failed to reach the contractually agreed minimum purchase amounts we refer to **Clause 6.2** of our Agreement and hereby notify you of our intention to appoint Michele Peresso Ltd. of Birkirkara as an additional distributor in Malta from November 1, 1994 onwards.”*

iv. *Fax* (**Dok PA8** esebit a fol. 121 tal- process) datat is-7 ta' Novembru 1994 minghand Werner Tutsch lil Peter Arrigo Ltd:

*“This is to confirm that adidas continues the distribution contract with P. Arrigo Ltd. until December 31, 1995 with a review in the 3rd quarter of 1995....”*

v. Fax (**Dok D** esebit a fol.20, 21 tal-process) - datata s-17 ta' Jannar 1995 mibghuta lil Peter Arrigo Ltd:

"*In fact it was our first intention to examine the situation in 1995 and decide on the results achieved. But considering the size of the market, the investments in shops, advertising and promotion, we felt it was better to decide immediately. It also prevents price war and damage to the adidas brand and performance.*

*Our decision was in favour of M. Peresso Ltd......We regret that the decision could not be made in your favour and request that you accept our choice.*

*It goes without saying that any pending or new order from your side will be executed if delivery can be affected before December 1995.As to the outstanding we are still awaiting for your confirmation of payment."*

vi. **Dok PA11** esebit a fol. 133 tal-process - *fax* datata 15 ta' Settembru 1994 mibghuta lil Peter Arrigo Ltd:

*"With reference to our various faxes we would like to inform you that Messrs. M. Peresso Ltd. have exceeded the set goal in turnover. Therefore they will have the exclusive distribution rights for Malta from January 1, 1996 onwards. A further review of your business is therefore no longer necessary."* F'din l-ittra s-socjeta` konvenuta tghid li offrew lis-socjeta` attrici *preorder procedures* sabiex tircievi l-ordnijiet fiz-zmien izda s-socjeta` attrici ma zammitx mad-dati stabbiliti ghall-ordnijiet.

**<u>Xhieda Prodotti:</u>**

**Peter Arrigo** xehed[5] li fil-bidu, ir-relazzjonijiet bejn iz-zewg ditti kienu tajbin hafna. Il-kuntratt jispecifika l-*minimum* li s-socjeta' attrici kellha tixtri minghand l-Adidas ghall-ewwel tliet snin. Hu esebixxa dokument **(Dok PA1)**[6] tal-valuri tal- merkanzija mibjugha lis-socjeta' tieghu mill-konvenuti bejn 1990 u 1993, kif ukoll dokument **(Dok**

[5] Fol.91 tal-process.
[6] Fol.99 tal-process.

**PA19)**[7] li hija lista tal-valuri tal-bejgh kollu li ghamel ghal Adidas mis-sena 1989 sa 1995.

Fis-sena 1990 is-socjeta' attrici kienet ordnat merkanzija minghand il-konvenuti ghal valur ta' Lm36,484, fis-sena 1991 ghal valur ta' Lm41,394.74 u fis-sena 1992 is-somma importata kienet Lm28,520.91. Ghalhekk, fl-ewwel tliet snin importaw it-total miftiehem u cioe' DM530,000.

Ix-xhud jghid li ghalhekk l-allegazzjoni li d-ditta tieghu ma lahqetx il-miri imposti mill-kuntratt **Dok A** huma zbaljati. Fis-sena 1993, regghu ordnaw merkanzija minghand il-konvenuti b'valur ta' Lm31,410.81, cirka DM155,000 **(Dok PA1)**.

L-ewwel darba li sema' bl-*additional distributors* kien permezz ta' ittra datata 5 ta' Settembru 1994 **(Dok PA 5)**, f'liema ittra kien ukoll gie imwissi li jekk ma jhallasx xi pendenzi sa 30 jum, il-kuntratt kien se jigi terminat skont Art. 13.1. tad-**Dok A.** Hu rrisponda permezz ta' ittra datata 16 ta' Settembru 1994 **(Dok PA 6)**[8] fejn ghamel accenn ghad-diffikulta' li l-ordnijiet li kien jaghmel ma kienux jigu konfermati u konsenjati f'Malta.

Ghal habta ta' nofs Ottubru, Werner Tutsch, li mill-bidu tas-sena 1994 sar responsabbli ghas-suq Malti, gie Malta. Qabel ma telaq minn Malta nfurmah li kien innomina lil haddiehor bhala distributur addizzjonali ta' Adidas AG f' Malta. Din konsegwentement giet ikkonfermata permezz ta' ittra mibghuta minn Tutsch fid-19 ta' Ottubru 1994, fejn nfurmah li M. Peresso Ltd., giet appuntata bhala *"additional distributor"* ghal Malta ghas-snin 1994 u 1995.

Pero', hu jsostni li permezz ta' l-ittra tas-7 ta' Novembru 1994, **(DOK PA8)**[9] il-konvenuti tkellmu mod iehor u mpenjaw ruhhom li Adidas kienet se tkompli bil-kuntratt originali ta' distribuzzjoni esklussiva mal-kumpanija attrici (Art 2.2 tal-ftehim Dok A) sal-31 ta' Dicembru 1995.

---

[7] Fol.153 tal-process.
[8] Fol.116 tal-process.
[9] Fol.121 tal-process

Ftit jiem qabel, u cioe' fil-31 ta' Ottubru 1994 (**Dok PA9**)[10] Peter Arrigo kien baghat ittra lis-superjuri ta' Tutsch fejn informahom bid-diffikultajiet li kien qed ikollu biex jottjeni merkanzija minn ghandhom u elenka lista shiha ta' merkanzija li minkejja ordnata, ma gietx konsenjata (lista hi annessa ma' l-ittra). B'hekk, haseb li kienet inbidlet id-decizjoni taghhom u rega' gie appuntat skont il-kuntratt. Esebixxa wkoll **Dok PA20**[11] li jindika l-bejgh totali ghal kull sena u t-total tas-snin kollha.

Meta kien Malta Tutsch kien akkompanjah f'laqgha mal-*branch manager* tal-BOV plc, Anton Critien u l-Bank ghamel affidament fuq il-kelma ta' Tutsch biex ziedlu l-*overdraft facility* tas-socjeta' attrici permezz ta' kuntratt esebit bhala **DOK PA10** (datat id-19 ta' Jannar 2005).[12]

Il-medja tal-bejgh bejn 1990 sa 1994 huwa ta' circa Lm75,000 fis-sena. Il-*margins* tal-qligh kienu 60% u ghalhekk jekk f'sena kien ibiegh medja ta' Lm75,000, il-*gross profit* tieghu kien ta' Lm45,000.

Sussegwentement, xehed in **kontro-ezami**,[13] fejn iddikjara li l-esklussivita' kienet marbuta ma' *performance* min-naha tal-kumpanija attrici rigward il-bejgh tal-prodotti tal- kumpanija konvenuta, fix-xiri minghand il-kumpanija barranija.

*"Nikkonferma ghalhekk illi fit-tielet sena tal-ftehim, il-kumpanija rapprezentata minni kienet xtrat prodotti inqas mill-minimu illi kien gie stabbilit fil-ftehim ta' esklussivita' ghal dik l-istess sena u ghal dan kien hemm raguni. Dana kien illi minhabba li l-kumpanija attrici kienu dahlu fil-premises taghha u serqu ammont ta' xoghol minn ghandha."* Qabel li ghas-snin kalendarji wara l-1992 salv kull ftehim iehor, is-socjeta' attrici "*riedet tordna minn ta' l-inqas mitejn elf Deutschmark meterjal minghand il-kumpanija konvenuta, liema ammont kellu jizdied*

[10] Fol.122 tal-process
[11] Fol.155 tal-process.
[12] Fol.128-132 tal-process.
[13] Rapportata a fol. 176 *et.seq.*tal-process.

*ragjonevolment matul is-snin."* Fil-1993 xtara mal-DM150,000.

Xehed ukoll li b'riferenza ghal PA8, f'pagna 121 tal-process, *"B'dik l-ittra kont fhimt illi ladarba dik l-ittra kien issemma' illi Adidas continued the distribution contract with P. Arrigo Ltd., kont fhimt illi ladarba l-ftehim kien ta' distribuzzjoni esklussiva, hekk kien ha jkun l-arrangament matul l-1995...*" "...*Nikkonferma ghalhekk illi d-dokument **PA8** kont tlabtu minghand ir-rapprezentant tal-kumpanija konvenuta, biex inkun nista' nikkonferma u nserrah mohh l- Bank of Valletta dwar il-kontinwazzjoni tal-fornituri tal-prodotti ta' l-istess kumpanija konvenuta u dana wara l-meeting illi jiena kelli maghhom flimkien ma' Werner Tutsch. Nghid illi ma kontx tlabt konferma specifika illi l-fornitura min-naha tal-kumpanija konvenuta kellha tkun fis-sens illi l-kumpanija attrici tkun id-distributur esklussiv....."* (fol. 181). "*....jiena bl-ittra illi baghtli Tutsch fis-7 ta' Novembru 1994, fhimt illi l-kumpanija attrici kienet ser tibqa' d-distributur esklussiv f'Malta skont il-ftehim li kien sar fl-1990....nghid pero' li minhabba li dokument **PA8** jirreferi ghal 'continued the distribution contract", jiena kont qed nifhem illi anki l-kumpanija konvenuta kienet qieghda tifhem illi l-ezercizzju kellu jsir fuq il-bazi ta' distribuzzjoni esklussiva min-naha tal-kumpanija attrici."*

Huwa qal li permezz ta' l-ittra li kien ircieva minghand Tutsch fis-7 ta' Novembru 1994,  huwa kien fehem li l-kumpanija attrici kienet se tibqa' d-distributur esklussiv f' Malta, skont il-ftehim li kien sar fis-sena 1990.

Ammetta minn qari tad-Dokument **D** izda, li dik l-ittra kienet bidla fl-atteggjament tal-kumpanija konvenuta minn dak li ssuggeriet fl-ittra taghha tas-7 ta Novembru 1994 fis-sens li "*r-revision tal-performance tal-kumpanija attrici kienet qieghda ssir mhux wara li ghalaq it-tielet kwart tas-sena 1995 imma prattikament mill-bidu ta' dik is-sena.... Nikkonferma li mit-tenur ta' dik l-ittra kont fhimt allura li ma' gheluq is-sena 1995, il-kuntratt li kellna bejnietna kien ser jintemm."*

Qal ukoll li ma ghamlix ordnijiet matul is-sena 1995 izda kellu ordnijiet pendenti sas-16 ta' Jannar 1995.[14] Dawn baqghu ma gewx ikkonsenjati izda Adidas AG infurmah x'kellu disponibbli li ma kienux dak li ordna. "*Nikkonferma li l-ordni ghall-oggetti tal-harifa u xitwa 1995, 1996 ghamiltha fis-17 ta' Lulju 1995".*[15]

Meta rega' xehed[16] qal li sa Gunju fis-sena 1994 is-socjeta' attrici xtrat mat-Lm13,840 minghand *Adidas Ag.*

Qal li *importation costs* jinkludu l-*costs* li swewlhom sakemm dahhlu l-merkanzija fil-mahzen, eskluz il-profitti. Il- *credit notes* murija fuq Dok PA19 ghandhom jitnaqqsu mis-*sales.*

Hu qal ukoll li ma ghaddiex l-*accounts* tal-kumpanija lil Hector Spiteri sabiex jista' jaghmel il-verifiki mehtiega.

Mistoqsi jekk gharrafx lill-Bank bil-kontenut tal-*fax* datata is-17 ta' Jannar 2005 **(DOK D)** qabel ma ffirma l-kuntratt ghall-estensjoni tal-*overdraft* fid-19 ta' Jannar 2005, wiegeb li le ghaliex qaghad fuq il-*fax* li kienu baghtulu fis-17 ta' Novembru 2004.

**Hector Spiteri**, Accountant u Awditur,**[17]** xehed li kien jiehu hsieb il-kotba ta’ Peter Arrigo Ltd. minn dakinhar li giet iffurmata sas-sena 1995. Jaf li bejn 1989 u 1995, il-kumpanija kienet tirrapprezenta l-kumpanija Adidas.

Ezebixxa **Dok HJS1 - *sales*** bejn 1989 u 1993, fejn il-kumpanija bieghet total ta’ Lm326,006 prodotti ta’ l-Adidas u l-*purchase and importation costs* inkorsi ammontaw ghal Lm205,932. Il-*gross profit margin* jammonta ghal Lm120,074 ghas-snin imsemmija. Hu bbaza ruhu fuq is-*sales records* esebiti bhala **DOK PA19** u fuq **DOK PA1** biex wasal ghal *purchase and importation costs.*

---

[14] **DOK PA14** a fol.142 tal-process.
[15] **DOK PA13** a fol.136 tal-process.
[16] Fol 189 *et seq.*tal-process
[17] Affidavit a fol. 159 *et.eq.* tal-process.

Qal li l-*margin* seta' jvarja kieku dahlu l-*istock* li kien baqa' kull sena, izda dan ma setax isir peress li r-*records* ma kienux iktar disponibbli. Ghalhekk, sostna li l-*gross profit margin* fuq bejgh tal-prodotti Adidas kien ta' 58 %, kif jixhed id-dokument **HJS 1**.

Rega' xehed[18] u ddikjara li b'referenza ghall-affidavit minnu ga ezebit, hu ma kienx qed jagixxi fil-kompitu tieghu bhala awditur imma *"to compile the data",* ezercizzju pjuttost semplici, *income over expenditure.*

Meta mistoqsi rigward il-*credit notes* f' **Dok PA19** qal li ma setax jiftakar jekk dawn gew imnaqqsa.

Fir-rigward tal-*purchase and importation costs*, gie nkluz biss il-valuri li jidhru fid-**Dok PA1** u cioe' l-valur tal-akkwist, l-*invoice value, d-duty* u *l-levy.* Fir-rigward *freight* u *insurance costs* ma setax jiftakar jekk gew inkluzi jew le.

**Anton Critien** xehed[19] *Assistant General Manager* mal-*Bank of Valletta* qal li l-kumpanija attrici kienet klijenta u kellha facilita' bankarja, cioe' *overdraft*. Fi kliemu stess:

*".... kien fl-interess tal-bank illi din il-facilita' bankarja tibqa' fis-sehh bis-sahha tal-ftehim illi l-kumpanija attrici kellha mal-kumpanija konvenuta".*

Dak iz-zmien il-kumpanija attrici kienet ghaddejja minn perjodu ta' *review* mill-bank. Qal li **Dok PA8** kienet taghti serhan il-mohh lill-Bank fir-rigward il-*commitments* tieghu rigward il-facilita' li kienet inghatat lill-kumpanija attrici.

Il-Bank of Valletta kien sussegwentement hareg *sanction letter* **(Dok AC2)** li kienet irrangat il-facilitajiet ezistenti favur il-kumpanija attrici u awmentathom ukoll sa massimu ta' Lm41,000.

Fil-fehma tieghu, **Dok PA8** kien strumentali biex inghatat il- facilita' lill-kumpanija attrici.

---

[18] A fol .206 *et.seq.* tal-process

[19] Xhieda a fol. 170 *et.seq.* tal-process.

**Werner Tutsch** xehed[20] li assuma r-responsabbilta' ghas-suq Malti ghad-ditta Adidas fl-14 ta' Lulju 1993 sa Marzu 2003. Iddikjara li hu ma kellux x'jaqsam man-negozjati u l-ftehim li sar flimkien ma' Peter Arrigo Limited kien gie ffirmat mill-predecessuri tieghu u Peter Arrigo Limited fis-27 ta' Ottubru 1990 **( Dok A).**

Qal li skont il-ftehim, Peter Arrigo Limited kien appuntatat bhala distributur esklussiv ghal prodotti ta' Adidas f'Malta mill-1 ta' Jannar 1990 sa 31 ta' Dicembru 1992 (klawsola 13 tal-ftehim).

Kien gie miftiehem li l-ftehim seta' jigi estiz ghal perjodi successivi ta' sena kull darba, jekk mhux terminat minn xi parti bil-miktub, liema avviz kellu jinghata almenu sitt xhur qabel ma jigi terminat.

Il-ftehim rega' ggedded wara 1992 ghal iktar snin, pero', lejn l-ahhar tas-sena 1994 bdew jinqalghu problemi ma' Peter Arrigo Limited. L-ordnijiet ma kienux qed isiru fil-hin, in-numru ta' bejgh li suppost kien qed isir ma kienx qed jigi materjalizzat, kif ukoll il-hlasijiet kienu qed isiru tard wisq.

Fil-fatt, il-bejgh li kien qed jigi attwat kien inqas mill-minimu li kellu jinxtara *ai termini* tal-ftehim.

Minhabba f'hekk, kienu kitbu lid-ditta ta' Peter Arrigo (5 ta' Settembru 1994 - **Dok PA5**), fejn avzawh li jekk l-affarijiet ma jirrangawx ruhhom fi zmien 30 gurnata, Adidas kien se jimxi skont il-klawsola 13 tal-ftehim u jittermina.

Il-ftehim kien stipula l-minimu li kellu jinxtara kull sena, allura kienu mhassba fir-rigward il-fatt li Peter Arrigo Limited ma kienx qed jirnexxielu jixtri l-minimu stipulat kull sena, b'mod partikolari wara s-sena 1992.

Is-sitwazzjoni kompliet taggrava, tant li permezz ta' ittra datata 19 ta' Ottubru 1994, f'isem id-ditta Adidas nforma lil

[20] Xhieda a fol. 220 *et seq.* tal-process

Peter Arrigo Limited li distributur addizzjonali f' Malta kien se jigi appuntat ghas-snin 1994 u 1995 u barra minn hekk, li l-ftehim se jigi terminat sal-31 ta' Dicembru 1995. Avviz ta' terminazzjoni fil-fatt intbaghat separatament lil Peter Arrigo Limited (vide **Dok C**).

Kif jidher bic-car mid-dati ta' l-avvizi, Peter Arrigo Limited inghata avviz sufficjenti skont il-ftehim, fir-rigward it-terminazzjoni tal-istess ftehim. Permezz ta' **Dok D**, li ggib id-data tas-**17 ta' Jannar 1995**, infurmaw lil Peter Arrigo Limited li d-distributur esklussiv mill-1 ta' Jannar 1996 kien se jkun M. Peresso Limited ghal diversi ragunijiet imsemmija fl-istess ittra.

Il-*fax* li jgib id-data tas-7 ta' Novembru 1994 **(Dok PA8)** irid jinqara fil-kuntest ta' kollox li intqal.

Xehed ukoll dwar il-pagamenti tardivi u esebixxa skeda a fol.221 tal-process. Zewg kambjalijiet sahanistra kellhom jigu kkancellati u sostitwiti.

**Apprezzament tal-Provi.**

**- Ordnijiet ta' Prodotti li ma lahqux il-miri Stipulati**

Il-Qorti hija sodisfatta li l-kumpanija konvenuta irnexxielha tipprova li s-socjeta' attrici ma lahqitx il-minimu stabbilit fil-kuntratt **DOK A** f'ordnijiet ta' merkanzija mid-ditta *Adidas*. Dan gie ammess minn Peter Arrigo stess fix-xhieda tieghu, meta qal li fis-sena 1993, il-kumpanija attrici regghet ordnat merkanzija minghand il-konvenuti b'valur ta' Lm31,410.81, cirka DM155,000 **(Dok PA1)**. Dan ma jilhaqx l-minimu li kellu japplika ghas-snin ta' estensjoni f'valur ta' millinqas DM200,000.

Huwa minnu li fl-ewwel tliet snin, jekk wiehed jigbor l-ammont li gew ordnati fl-*aggregate* jasal ghall-ammont komplessiv li jilhaq total ta' DM530,000 izda l-kliem tal-ftehim huma cari u inekwivoci u jistabbilixxu rata minima li tizdied <u>kull sena</u>. Dan hu msahhah bl-ahhar paragrafu tal-klawsola 6.1. tal-ftehim li japplika ghas-snin ta' estensjoni fejn il-kontraenti qablu li l-ordnijiet annwali ghal dawn is-

snin ghandhom jizdiedu ragjonevolment ghal kull sena ta' estensjoni.

Huwa car minn qari ta' din il-klawsola fl-*intier* taghha li l-partijiet qablu fuq figuri annwali u mhux globali. Li kieku riedu jaqblu fuq ammont globali mehud fuq medda ta' snin, kienu jfissru l-ftehim f'mod iehor.

Il-kuntratt johloq obbligazzjonijiet bilaterali bejn il-kontendenti. Fil-kaz in ezami, l-attur ikollu ragun li jesonera ruhu mill-effetti ta' ksur tal-*minimum purchase agreement* jekk ikun l-istess konvenut li johloq ostakoli ghalih biex iwettaq dan il-ftehim. Izda lanqas dan ma gie ppruvat.

Hareg mill-provi li fis-sena 1994, is-socjeta' attrici xtrat b'kwazi Lm14,000 f'prodotti mill-konvenuta almenu sa Gunju ta' dik is-sena. Anke jekk dan irdoppja, kien ikun ferm inferjuri ghall-minimum stabbilit. It-*trend* allura ma kienx jaghti x'jifhem li s-socjeta' attrici kienet ser tasal biex tilhaq il-miri miftehma.

Difatti Peter Arrigo xehed li ma ghamlix ordnijiet matul is-sena 1995 izda kellu ordnijiet pendenti sas-16 ta' Jannar 1995.[21]

Ghal din l-allegazzjoni s-socjeta' konvenuta irribattiet li l-ordnijiet kellhom isiru sa data pre-stabbilita altrimenti d-distributur ikollu jadegwa ruhu skont l-i*stock* li jkun fadal. Jirrizulta manifestament li l-ordnijiet kienu jigu pjazzati mis-socjeta' attrici tardivament, cioe' wara d-*deadline* u b'hekk ma halliex triq ohra lil *Adidas AG* hlief li joffrulu xoghol *ex stock.* Kif jirrizulta mix-xhieda ta' Werner Tutsch, fejn id-*deadline* ghall-ordni kien jiskadi fi Frar 1995, l-ordni tal-attur gie pjazzat f'Lulju 1995. Xejn ma jiswa ghall-attur li jghid li siefer lejn diversi pajjizi biex jottjeni l-ordnijiet ghaliex li kieku ghamel l-ordnijiet tieghu fiz-zmien stabbilit, ma kien jiskontra l-ebda problema.

[21] **DOK PA14** a fol.142 tal-process.

Tajjeb josserva d-difensur tas-socjeta' konvenuta li l-kumpanija attrici kellha kull opportunita` biex tottjeni l-prodotti mill-*Adidas* fis-sena 1995 u jekk naqqset, dan hu biss imputabbli lilha.

Il-Qorti hi ghalhekk soddisfatta li *Peter Arrigo Limited* agixxiet bi ksur tal-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha skont il-ftehim **DOK A** meta naqqset li tosserva l-*minimum purchase requirements* stabbiliti fil-klawsola 6 tal-istess.

Gjaladarba s-socjeta' attrici ghandha titqies inadmpjenti, l-agir tas-socjeta' konvenuta hija gustifikata in kwantu li ghaddiet biex tisvinkola ruhha mill-kuntratt. Biex ghamlet hekk is-socjeta' konvenuta uzat diversi rimedji kontrattwali:-

**i. Rimedju offrut mill-Klawsola 6.2.**

Kontrarjament ghal dak sostnut mis-socjeta' attrici, *Adidas Ag* setghet tinvoka din il-klawsola, u tghaddi biex tahtar *additional distributor* anke fis-snin ta' estensjoni tal-kuntratt. Din il-klawsola ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn is-snin orginali u dawk sussegwenti, u logikament il-kondizzjonijiet <u>kollha</u> tal-kuntratt vinkolanti anke fil-perjodu ta' estensjoni.

**ii. Terminazzjoni tal-kuntratt bi preavviz ta' sitt xhur - Klawsola 13.1**

Effettivament *Adidas AG* baghtet zewg ittri ta' terminazzjoni. L-ewwel wiehed fl-20 ta' Ottubru 1994 **(DOK C)**, u sussegwentement fis-17 ta' Novembru 2005 **(DOK D)**.

Dwar l-ewwel ittra, is-socjeta' attrici tinvoka d-Dokument **JA8** (fol 121) li kienet miktuba u mghoddija mill-attur lill-Bank of Valletta plc sabiex jottjeni finanzjar ulterjuri.

Is-socjeta' attrici tistrieh fuq is-segwenti frazi mill-ittra biex issib konfort ghat-tesi taghha u cioe` "*This is to confirm that adidas <u>continues the distribution contract</u> with P*

*Arrigo Ltd until December 31, 1995 with a review in the 3rd quarter of 1995." (*sottolinear tal-Qorti).

Dan iwassal lis-socjeta' attrici biex taghmel is-segwenti deduzzjonijiet:-

i. Li s-socjeta' konvenuta weghdet li tkompli thaddem l-*exclusive distribution agreement* sal-ahhar tas-sena 1995;

ii. Li din l-ittra tirrevoka it-*termination letter* tal-20 ta' Ottubru 1994 (**DOK C**).

Skont Werner Tutsch[22] din l-ittra b'ebda mod ma kienet intiza bhala revoka tal-avviz ta' terminazzjoni imma kienet intiza biex tikkjarifika d-dubju li wera l-attur jekk *Adidas* kien ser jkompli jfornixxi l-merkanzija tul is-sena 1995.

Skont l-*Adidas Ag* din l-ittra kellha tinqara fl-isfond ta' dak kollu li kien qed jigri fis-sens li l-ordnijiet ma kienux qed isiru fil-hin, in-numru ta’ bejgh li suppost kien qed isir ma kienx qed jigi materjalizzat, kif ukoll il-hlasijiet kienu qed isiru tard wisq.

Dawn il-lanjanzi kienu kollha komunikati lis-socjeta' attrici. Qari semplici tal-ewwel ittra tal-20 ta’ Ottubru 1994 juri li t-terminazzjoni kienet definittiva. *Adidas AG* gharrfet lis-socjeta' attrici li riedet tkun "*free to negotiate the reorganization fo the adidas distribution in Malta;"* u tat *notice of termination "with effect from 31.12.1995."*

L-ittra **DOK JA8** ma taghmilx riferenza ghal din l-ittra antecedenti u imkien ma tghid li qed tirrevoka l-hatra tad-distributur addizzjonali u tirreintegra lil Peter Arrigo Limited fil-kwalita` ta' distributur esklussiv. Din l-ittra intbaghtet fl-isfond shih ta' diskussjonijiet fejn il-*performance* tas-socjeta' attrici kienet qed tigi valutata fil-kuntest tal-problemi li kienu gja avverraw. Certament fid-data ta' din l-ittra, ma jirrizultax li dawn il-problemi gew rizolti a soddisfazzjon tas-socjeta' konvenuta b'mod li giet

[22] Fol.223

indotta biex tirrevoka l-avviz ta' terminazzjoni. Anzi komplew jizdiedu. Ghaldaqstant il-konkluzjoni li gibdet is-socjeta' attrici hija ghal kollox gratuwita u zbaljata fil-kuntest ta' dak kollu li kien qed jigri.

Tajjeb jargumenta d-difensur tas-socjeta' konvenuta li anke f'kaz li wiehed kellu jaccetta t-tezi tas-socjeta' attrici fis-sens li b'**Dok JA8** gie revokat l-ewwel avviz ta' xoljiment tal-kuntratt, zgur ma jibqa’ l-ebda ekwivoku fir-rigward tal-ittra tas-17 ta' Jannar 2005 (**DOK D**).

Minn qari ta' din l-ittra, jirrizulta li l-intenzjoni tal-*Adidas* kienet cara u inekwivoka u l-ittra sservi ta' avviz ta' terminazzjoni inkondizzjonata. Din inghatat *entro* t-terminu ta' sitt xhur stabbilit sal-ahhar tas-sena 1995 u ghalhekk il-Qorti hija soddisfatta li anke f'dan ir-rigward, *Adidas AG* ma kissritx l-obbligi kontrattwali taghha. Wiehed jista' jigbed biss konkluzjoni wahda u cioe` li l-kuntratt ma jibqax *in vigore* wara l-ahhar ta' Dicembru 1995. Dan ammettieh Peter Arrigo stess meta xehed "*....Nikkonferma li mit-tenur ta' dik l-ittra kont fhimt ghallura li ma' eghluq is-sena 1995, il-kuntratt li kellna bejnietna kien ser jintemm."*

Huwa minnu li din l-ittra (**JA8)** ingiebet a konjizzjoni tal-Bank u li l-istess socjeta` attrici kellha l-kooperazzjoni tas-socjeta' konvenuta fl-isforzi taghha li tghaddi mir-*review period* mal-Bank. Izda din l-ittra certament giet superata bl-ittra tas-17 ta' Jannar 2005.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax li din l-ahhar ittra wasslet ghand is-socjeta' attrici qabel ma ffirmat il-kuntratt mal-Bank. Madanakollu naqqset milli taghti lill-Bank din l-informazzjoni. Ghalhekk jirrizulta li dahhlet ghal dawn il-facilitajiet *ben sapendo* li tilfet l-agenzija d-distribuzzjoni tal-prodott. Ta' dan ghandha twiegeb hi biss.

**Danni**

Hu pacifiku li kulhadd ghandu jwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu (**Artikolu 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**) u persuna hija kkunsidrata li ghandha htija jekk ma

tuzax id-diligenza, prudenza u l-attenzjoni ta' *bonus pater familias* stabbilit bl-Artikolu 1032.

Kif tesponi dettaljatament il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Angela Xuereb noe**:

"*Kif ingħad, ir-responsabbilta' għad-danni tista' tkun waħda minn żewġ tipi – (i) dik magħrufa bħala responsabbilta' contrattuale u (ii) dik magħrufa bħala responsabbilta' extra contrattuale jew aquiliana. Dawn iż-żewġ tipi ta' responsabbilta' għad-danni għandhom numru ta' differenzi bejniethom, fosthom – (i) l-oneru tal-prova; (ii) l-effetti ġuridiċi; u (iii) it-terminu entro liema l-azzjoni għad-danni, nascenti mit-tip ta' responsabbilta speċifika, għandha tiġi istitwita. Fil-każ ta' azzjoni għad-danni 'nascenti' mir-responsabbilta' 'contrattuale' l-attur għandu jipprova li huwa kellu favur tiegħu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li għandu l-oneru ta' prova iktar diffiċli mpost fuqu, stante li l-konvenut għandu jiġġustifika l-inadempjenza kontrattwali tiegħu u jipprova li tali inadempjenza se mai rriżultat minħabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.*"

Sabiex tirnexxi talba ghad-danni, ghalhekk, l-attur ghandu l-ewwel jipprovi l-*inadimpleti contractus* da parti tal-konvenut. Fil-kaz odjern, is-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tressaq tali prova.

Jirrizulta li s-socjeta' konvenuta agixxiet pjenament skont it-termini tal-kuntratt meta ghaddiet ghall-hatra ta' distributur addizzjonali u ma kellha l-ebda obbligu li tirrevoka din il-hatra minghajr ftehim gdid mas-socjeta' attrici. Ghar-ragunijiet fuq spjegati l-interpretazzjoni tal-ittra **DOK JA8** ma tistax tiggebbed b'mod li tiftiehem li rrevokat l-avviz precedenti u tterminat il-hatra tal-agent addizzjonali *sic et simpliciter,* specjalment meta jirrizulta mill-ittri kollha precedenti li a) dan it-tieni agent kien qed jissoddisfa l-miri kummercjali rikjesti (**Dok PA 11)** u **b)** fejn is-socjeta' attrici falliet f'dawn il-miri u c) ma kienx mistenni

li kienet ser tirkupra (**DOK PA5**) u d) sahansitra ma kenitx qed tonora l-pagamenti taghha**.**

F'kuntratt bilaterali, il-Qorti ghandha tezamina l-kondotta taz-zewg kontraenti biex taccerta l-ezistenza *o meno* ta' inadempjenza kontrattwali. Fil-kaz in ezami, l-Qorti hija sodisfatta li s-socjeta' attrici kienet agixxiet bi ksur tal-obbligazzjonijiet taghha meta ma rrispettatx il-minimi stabbiliti fil-kuntratt ghall-ordnijiet u ma hallsitx il-pagamenti puntwalment. Din l-ahhar kondizzjoni hija prevista bhala raguni partikolari ghax-xoljiment tal-kuntratt (klawsola 13.3). Zgur li ma setghetx tippretendi li s-socjeta' konvenuta ma tikkurax l-interessi taghha meta x-xiri tal-prodotti naqas ghall-valur inqas minn dak ikkuntrattat.

Ikkonsidrat li ghalkemm is-socjeta' konvenuta ghall-ewwel ghazlet li thalli spazju ghar-revizjoni fl-ahhar kwart tas-sena 1995, dan sehh fl-ambitu ta' avviz ta' terminazzjoni li gja kien sar u bis-sahha ta' liema s-socjeta' konvenuta strahet fuq il-proceduri stipulati biex tizvinkola ruhha mill-kuntratt.

Lanqas hu sostenibbli l-argument li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghar-rizarciment in linja ta' danni, tal-investiment u nfieq li ghamlet is-socjeta' attrici. Peter Arrigo Ltd xtrat il-bini l-Marsa fis-sena 1989 (**DOK PA17**) u cioe' qabel ma ffirmat il-kuntratt in kwistjoni. L-uniku garanzija li kellha kienet ghat-tliet snin bejn 1990 sa 1993, u anke dawn kienu kondizzjonati mill-valuri ta' xiri annwali ghas-snin imsemmija. F'ebda hin ma tista' tghid li s-socjeta` konvenuta induciet lis-socjeta` attrici biex temmen li kellha xi garanzija, jew weghda, li l-agenzija taghha kienet ser tkompli lil hinn mill-ahhar tas-sena 1992 u sahansitra wara s-sena 1995. Dan fehmu l-istess Peter Arrigo. Anzi s-sinjali bdew iberrqu sa mill-bidu ta' Settembru 1994 meta gie mgharraf li kien ser jinhatar distributur addizzjonali. Anke qabel dik id-data, is-socjeta` attrici kienet gja kienet qed tonqos mid-doveri kontrattwali taghha peress li l-figuri tax-xiri juru *shortfall* fis-sena 1993.

Riferibbilment ghat-talba ghad-danni konsistenti f'telf ta' profitt, ma kien hemm xejn li jzomm lis-socjeta' attrici biex takkwista kemm tiflah il-prodotti tal-*adidas* tul is-sena 1995. Dan ma ghamlitux b'ghazla taghha. Jista' jkun li rriskontrat problemi biex takkwista *ex stock* izda ma gabet l-ebda prova biex turi li osservat il-*pre order deadlines* sabiex tassigura l-konsenja ta' prodotti fiz-zmien. Hija ragjonevoli li jekk ma taghmilx *pre order* ser ikollha taghzel mill-i*stock* li jifdal.

Ikkonsidrat li d-danni li qed titlob is-socjeta' attrici jkunu dovuti biss bhala konsegwenza ghas-sejba ta' inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta` konvenuta. Galadarba s-socjeta' attrici ma rnexxilhiex iggib tali prova, it-talbiet ghad-danni wkoll ma jistghux jirnexxu. Dawn id-danni, jekk tali jezistu - in kwantu li ma tressqitx prova verifikabbli dwarhom - huma attribwibbli unikament ghall-agir tal-istess socjeta' attrici.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tichad it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** it-tieni eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' konvenuta **tichad** it-talbiet kollha attrici in kwantu li mhumiex fondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------